Laqgħa Reġjonali Nru. 19 ta' 2025, miżmuma nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Mellieħa.

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Ħal Balzan | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |
| • Len Abela Vassallo | Mtarfa | Delegat |

| | |
|---|---|
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.18
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   5.1 Follow-Up on Collaborative Musical Project, Puttinu Cares
   5.2 San Ġwann Football Club – Talba għal ghajnuna
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti
7. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta’ filgħaxija.

**1. Ittri ta’ Apoloġija**

Il-President Clifford Galea nforma li minflok is-Sindku Dale Hayman, qiegħed jattendi il-laqgħa l-Kunsillier Dot. Len Abela Vassallo.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.18**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 18 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tas-Sindku Stefan Cordina, issekondat mil-Viċi President Dot. Angelo Micallef, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 SPI.SCI.03.2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025 (Data ta’ l-għeluq - it-Tlieta, 22 ta’ April 2025 - Sejħa għal Proposti ta’ Siti għat-Tindif – World Cleanup Day 2025**

Il-President informa lill-membri li r-Reġjun huwa determinat li jisfrutta kull opportunità ta’ finanzjament disponibbli. Huwa appella lill-Kunsilli li għadhom ma ppreżentawx proposta dettaljata biex jagħmlu dan sal-11 ta’ April.

Il-President saħaq li r-Reġjun ser jipproċedi biex jissottometti applikazzjoni għal fondi relatati, u l-kooperazzjoni sħiħa tal-membri hija essenzjali biex jiġi massimizzat il-potenzjal ta’ suċċess.

### 3.2 Proposals of Associazione Mozart Italia Malta.

Il-membri preżenti ġew infurmati li l-proposti edukattivi-artistiċi minn Great Oak Malta huma parti mill-proġett "Community Building", li ilu għaddej mill-2021. Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-ħiliet soċjali, il-fraternità, l-awtonomija, u t-talenti artistiċi fil-mużika, it-teatru, u ż-żfin fost il-parteċipanti.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li din il-proposta ma tigiex milqugħa. Sar suġġeriment li dawn jiġu avviċinati jekk ir-Reġjun ikun ser jorganizza attivitajiet għal komunità ta' dan it-tip.

### 3.3 Case no OMB-24–4943 - Complaint filed by Mr Mario Camilleri

B'referenza għal minuti numru 15 punt 3.2, il-President informa lill-membri li ntbagħtet korrispondenza minn Dr. Bonello dwar il-każ. Il-korrispondenza spjegat ir-raġunijiet għalfejn Reġjun Tramuntana ċaħad l-applikazzjonijiet għall-kariga ta' Maniġer Kulturali Reġjonali. Id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq diversi fatturi biex tiġi żgurata l-aħjar għażla possibbli għall-kariga.

### 3.4 Nuqqas ta Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar u San Ġwann

Qed jiġi nnotat li xi kunsilli huma neqsin mis-servizzi ta' Segretarju Eżekuttiv jew Deputat. Dawn iż-żewġ rwoli huma mitluba mil-liġi u huma l-fulkru tat-tmexxija ta' kull kunsill għall-amministrazzjoni finanzjarja u t-tmexxija ta' dak li jiġi deċiż mill-kunsill lokali. Għaldaqstant, l-ingagg ta' tali kariga trid tkun mixtarra bir-reqqa. Huwa importanti wkoll li fil-kunsill ikun hemm armonija bejn il-membri eletti, għax din spiss hija l-kawża għalfejn Segretarju Eżekuttiv jirriżenja mil-kariga tiegħu. L-ingagg għandu jsir b'għaqal, fejn jiġu kkunsidrati proposti bil-potenzjali u mingħajr ebda biża' mir-responsabbiltà meħtieġa.

### 3.5 Proposti – Murals– James Micallef Grimaud

Il-President informa lill-membri li r-Reġjun irċieva proposta għal workshops ta' murals u anke proġetti. Hemm ħafna eżempji ta' dawn, fosthom San Ġwann u l-White Rocks, u bosta oħrajn anke fir-Reġjun. Il-membri ġew mitluba li jekk hemm xi proposti fejn dawn jistgħu jsiru, bħal fuq il-ħajt jew it-taraġ bejn il-moll ta' Buġibba u l-Gillieru Hotel, jistgħu jibagħtu t-talba biex isir kuntatt ma' dan l-artist rinomat li wera x-xewqa li jaħdem magħna.

Il-membri preżenti iddiskutew, iżda minkejja li l-idea hija ta' attrazzjoni fil-lokalità, hemm aktar materji importanti, bħal problemi rikorrenti li jirrikjedu l-attenzjoni tar-Reġjun u l-kunsilli fi ħdanu.

**3.6 Aġġornament: Cir AKL 2023_045_LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal**

Il-President informa lill-membri li ntbagħtet korrispondenza u komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv u qed nistennew risposta mingħandhom. Dawn il-fondi jiskadu f'Mejju li ġej, u b'hekk fakkar lill-membri biex jibgħatu l-informazzjoni rikjesta kemm jista' jkun fi żmien qasir. Qed isiru sforzi biex l-inqas fond possibbli jiġi sfruttat mill-Kunsilli Lokali.

**3.7 Regeneration Plan for the St Paul's Bay area, including Bugibba, Qawra, Xemxija and Salina**

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk sarux il-laqgħat kollha mal-pubbliku, sabiex dak li joħroġ minn dawn il-laqgħat kif ukoll mill-istudji li saru fix-xhur li għaddew jiġi dokumentat f'sommarju, li jservi bħala referenza għall-kumpanija ta' konsulenza li qed tieħu ħsieb dawn il-pjani. Kien hemm qbil li dan is-suġġett jerġa' jiġi diskuss meta l-informazzjoni tkun miġbura.

**3.8 Seminar ta' Għarfien dwar is-Saħħa Mentali**

Il-President Clifford Galea informa lill-membri dwar opportunità biex titjieb is-saħħa mentali u l-benessri fuq il-post tax-xogħol. Dawn is-servizzi huma disponibbli għal donazzjoni ta' €100 kull siegħa, bil-workshops li normalment idumu erba' sigħat. Il-proċeduri kollha se jmorru għall-Fidem Foundation, li jgħin individwi vulnerabbli li għandhom bżonn ta' appoġġ għas-saħħa mentali.

Waqt diskussjoni bejn il-membri, ġie mitkellem il-fatt li dawn it-tip ta' sessjonijiet qed jiġu offruti mis-settur pubbliku u għalhekk din it-talba ma ġietx milqugħa.

**3.9 Aġġornament dwar il-problema tal-ħamiem u tjur**

B'referenza għall-punt 4.12 tal-laqgħa numru 12, il-membri ġew informati li ġiet finalizzata l-proposta biex tiġi indirizzata l-problema tal-ħamiem selvaġġ u tjur bħal tiġieġ u sriedaq jiġru fit-triq. Il-membri huma mitluba biex ifasslu programm u jiġu identifikati postijiet fejn dan l-eżerċizzju jista' jiġi implimentat bl-aktar mod imtarrag.

**3.10 European Week of the Regions and Cities 2025**

B'referenza għall-punt 3.5 tal-laqgħa numru 17, il-President informa lill-membri li l-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet (EURegionsWeek) se ssir mit-13 sal-15 ta' Ottubru 2025 fi Brussell. Dan l-avveniment, huwa pjattaforma ewlenija għad-diskussjoni dwar l-iżvilupp reġjonali u l-kooperazzjoni.

Il-President talab lill-membri eletti u lis-Segretarji Eżekuttivi rispettivi biex jinformaw dwar min hu interessat jipparteċipa u jirreġistraw l-ismijiet tagħhom sa mhux aktar tard mis-26 ta' April 2025.

Huwa spjega wkoll li se tiġi adottata l-istess sistema użata fl-2024, fejn id-delegati jieħdu ħsieb u jħallsu għall-biljetti tal-ajru tagħhom skont l-irħas kwotazzjoni li tingħata mir-Reġjun, u mbagħad jiġu rimborsati. Ir-Reġjun se jieħu ħsieb l-alloġġament tad-delegati kif ukoll it-trasport bejn l-ajruport u l-lokazzjonijiet meħtieġa. Delegati li jibbukkjaw wara l-iskadenza jew li jeħtieġu servizzi addizzjonali jkollhom iħallsu kwalunkwe spejjeż addizzjonali.

**3.11 Proposta rigward il-ktieb *L-Addict***

Ġiet ippreżentata proposta biex jiġi ffinanzjat l-istampar ta’ ktieb li jittratta l-perikli tal-vizzju tad-droga u l-impatt li dan iħalli fuq dawk ta’ madwar il-persuni affettwati.

Kien hemm qbil unanimu li pubblikazzjonijiet ta’ dan it-tip huma importanti ħafna mill-aspett soċjali.

**3.10 Aġġornament – Aġent Segretarju Eżekuttiv**

Waqt li s-Sna Natalie Zammit, li kienet qed tieħu punti għal-minuti, intalbet toħroġ mill-laqgħa, kien hemm diskussjoni fuq żewġ binarji.

L-ewwel ġiet diskussa t-talba minn għand is-Sna Kristrina Camilleri li jiġi rivedut il-performance bonus tad-Deputat Aġent Segretarju Eżekuttiv. Dan ġie diskuss u kien hemm qbil li ser jibqa' kif oriġinarjament maqbul.

Wara ġiet diskussa il-ħatra tas-Sna Zammit bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

B'referenza għall-laqgħa Numru 16, punt 3.5, peress li l-Collective Agreement il-ġdid qed jippermetti li s-Sna Zammit li issa hija taqa' taħt skala 11, qed jiġi propost li tinħatar bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-membri kollha qablu minħabba li s-Sna Zammit diġà qed tkopri diversi rwoli u xogħol relatat ma' dan u għalhekk mhux ser ikun hemm tibdil sinifikanti fix-xogħol tagħha, mentri is-Sna Camilleri wriet ix-xewqa li tiffoka iżjed fuq ix-xogħol ta’ reġistratur.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**4.1. Sitwazzjoni tal-iskart fir-Reġjun**

Is-Sindku Stefan Cordina għamel diskors imqanqal dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iskart fir-Reġjun, li ilha sejra sa mill-bidu tas-servizz. Huwa saħaq li, minkejja li hu konxju li r-Reġjun m’għandux setgħa jieħu passi direttament, is-sitwazzjoni saret waħda insostenibbli u għandha tittieħed azzjoni immedjata bl-akbar urġenza.

Is-Sindku Perit Ċensu Galea rrefera wkoll li ilu jinnota u jinsisti fuq dan is-suġġett għal diversi żmien.

Waqt id-diskussjoni, is-Segretarju Eżekuttiv qara email li r-Reġjun kien irċieva f’Novembru 2024 mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti, li fiha ġie notifikat li r-Reġjun ma jistax jimponi multi direttament fuq il-kuntrattur mingħajr approvazzjoni minn qabel mid-Dipartiment.

Barra minn hekk, id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ta struzzjonijiet ċari lir-Reġjun biex ma jittieħdu l-ebda passi sakemm jiġu ppubblikati l-"Standard Operating Procedures" (SOPs) ifformulati mid-Dipartiment tal-Kuntratti, mid-diviżjoni għall-Gvern Lokali, b'konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Kien mistenni li dawn il-proċeduri jiġu ppubblikati sal-aħħar ta' Marzu 2025 u jiġu kkummunikati lill-membri kollha.

Il-membri qablu unanimament li għandha tintbagħat email lid-Direttur sabiex titlob għal aġġornament dwar il-pubblikazzjoni tal-linji gwida u biex issir pressjoni sabiex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni b'mod urġenti.

### 4.2. Sitwazzjoni tal-IBINS fir-Reġjun

Il-Viċi President, Dott. Angelo Micallef, staqsa dwar il-pożizzjoni ta' kull Kunsill Lokali fir-rigward tas-sitwazzjoni relatata mal-IBINS.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kienet saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-ERA, u wara din il-laqgħa ntbagħtet email formali sabiex tinstab soluzzjoni, iżda s'issa r-Reġjun għadu qiegħed jistenna risposta uffiċjali.

Fuq proposta tas-Sindku Dott. Christopher Deguara, li kienet issekondata mill-Viċi President Dott. Angelo Micallef, kien hemm qbil li jekk ma jintlaħaqx l-ebda ftehim u ma tasalx risposta li tikkonferma li l-arranġament tal-IBINS ser jiġi armonizzat bejn il-Kunsilli Lokali kollha – kif ukoll kien issuġġerit mis-Segretarju Eżekuttiv f'dokument ta' ftehim preliminari – għandu jittieħed pass sabiex l-IBINS jitneħħew kompletament mil-lokalitajiet.

Is-Sindki esprimew l-opinjoni li dan is-servizz, kif inhu bħalissa, qed jikkawża inkonvenjent fil-ġestjoni ta' kuljum tal-Kunsilli u għaldaqstant ma jixtiqux li jkomplu jġorru dan it-tbatija amministrattiva.

## 5. Aġġornamenti u diskussjoni

### 5.1 Follow-Up on Collaborative Musical Project Puttinu Cares

B'referenza għall-punt 5.5 tal-laqgħa numru 15, il-President informa lill-membri preżenti li saru laqgħat ma' Dr. Lydia Buttigieg, u ttieħed filmat qasir li diġà jinsab fuq il-midja soċjali rigward il-proġett mużikali b'risq Puttinu Cares.

S'issa, ġew finalizzati r-recordings ta' 17-il diska ta' Walt Disney, fejn is-Sinjura Edwina Cini ħadmet biex takkwista d-drittijiet tal-copyright sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu replikati. Ir-Regjun qed jiġi mitlub jghin bis-somma ta' madwar €2,500 għall-finalizzazzjoni tal-editing u l-mastering ta' dawn is-siltiet. Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Dot. Angelo Micallef issekondata mis-Sindku Norbert Dalli, kien hemm qbil dwar dan.

L-avveniment tal-ħruġ uffiċjali tas-CD huwa ppjanat għaż-żmien il-Milied ta' din is-sena.

**5.2 San Ġwann Football Club - Talba għal għajnuna**

Il-membri preżenti ġew infurmati li n-Nursery qed torganizza żewġ attivitajiet f'Mejju.

Barra minn hekk, se jsir kamp ta' taħriġ għat-tfal mill-Under 8 sal-Under 12 fl-aħħar ta' Mejju, b'kowċis Taljani li se jmexxu s-sessjonijiet. L-ispiża totali għal dawn l-attivitajiet hija stmata madwar €8,750, u l-Kunsill Lokali San Ġwann qiegħed jitlob l-appoġġ tar-Reġjun.

Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil li din it-talba ma tiġix milqugħa minħabba li f’dan il-każ ma jkunx ġust fil-konfront ta’ nurseries fl-lokalitajiet oħra.

Kien hemm suġġeriment li r-Reġjun jiproponi attività fejn in-nurseries kollha ta’ kull lokalita’ jiġu mistiedna jipparteċipaw u b’hekk min jirreġistra jkun jista’ jgawdi mill-għajnuna offruta mir-Reġjun. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni, l-iskeda ta’ pagamenti Numru 186 għall-perjodu ta’ bejn il-25 ta’ Frar 2025 u l-25 ta’ Marzu 2025. L-Iskeda msemmija ġiet approvata mill-proponent is-Sindku Paul Vella, issekondata mil Viċi President Dot. Angelo Micallef Il-membri qablu unanimament.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa u nofs (19.30) ta’ filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 29 ta’ April 2025 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta’ Reġjun Tramuntana

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum it-Tlieta, 29 ta’ April 2025